**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Raymond Aquilina)**

**Vs**

**Omissis**

Kumpilazzjoni Numru: 323/2016

Illum, 22 ta' Gunju 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputata Omissis

Akkuzata talli f'Marzu 2015 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda,

1. Ghamlet atti ta' *money laundering* billi:-

1.1. ikkonvertiet jew trasferixxiet propjeta' meta kienet taf jew tissuspetta li dik il-propjeta' kienet direttament jew indirettament inkisbet, jew mir-rikavat ta' attivita' kriminali jew minn att ta' partecipazzjoni f'attivita kriminali, ghall-iskop ta' jew skopijiet ta' habi jew wiri haga b'ohra ta' l-origini tal-propjeta jew ta' ghoti ta' ghajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew koncernati f attivita kriminali;

1.2. hbiet jew uriet haga b'ohra tal-veri xorta, provenjenza, lok, dispozizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq propjeta', meta kienet taf jew tissuspetta li dik il-propjeta' kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita kriminali;

1.3. Akkwistat propjeta' meta kienet taf jew tissuspetta li l-istess propjeta' kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita kriminali;

1.4. Bir-ritensjoni minghajr skuza ragonevoli ta' propjeta' meta kienet taf jew tissuspetta li l-istess propjeta' kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita kriminari;

1.5. Ittentat taghmel l-hwejjeg jew attivitajiet illegali fuq imsemmija;

1.6. Agixxiet bhala komplici fit-tifsir ta' l-Artikolu 42 tal-Kodici Kriminali rigward xi wahda mill-hwejjeg jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi {i),(ii}, (iii}, (iv} u {v} ta' hawn fuq;

Il-Qorti gentilment mitluba sabiex tapplika id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 5 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 23A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u f'kaz ta'htija, tapplika wkoll il-provedimenti tal-Artikolu 23B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija finalment mitluba sabiex f'kaz jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tal-artikolu 2A(a) tal-artikolu 3 tal-Att kontra Money Laundering (Kap. 373) li permezz tieghu l-

imputata tressqet quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat li l-imputata ammettiet l-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha u li kkonfermat l-istess ammissjoni wara li l-Qorti tatha zmien sabiex tirrikunsidra l-posizzjoni taghha;

Semghet ix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur.

Semghet is-sottomissjonijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

L-imputata ammettiet l-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha u ghalhekk din giet sodisfacjentement ippruvata.

Inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura u l-gravita' tar-reat li tieghu qeghda tinstab hatja l-imputata, ic-cirkostanzi tal-kaz kif spjegati fix-xhieda tal-ufficjal prosekutur u l-fedina penali li hija wahda netta. In vista ta' dan kollu kif ukoll in vista tad-dikjarazzjoni maghmula mill-istess prosekuzzjoni ma tqisx li ghandha tigi imposta piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 3 tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha u tikkundannaha ghal sentejn (2) prigunerija li bl-applikazzjoni

tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Maltin qeghdin jigu sospizi ghal zmien erba' (4) snin.

Inoltre' a tenur tal-artikoli 5 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 23A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 23B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qed tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali l-flejjes li l-hatja ghandha fil-banek lokali, ad eskluzjoni tal-Banif Bank, u tipprojbixxi lill-hatja milli titrasferixxi jew xort' ohra tiddisponi minn tali flejjes u l-Qorti tordna l-konfiska, ghaf-favur tal-Gvern ta' Malta, tal-flejjes tal-hatja li jinsabu fil-banek lokali fid-data tas-sentenza, hlief ghal flejjes li jinsabu fil-kont bankarju mal-Banif Bank. Tinnomina lir-Registratur tal-Qrati u Tribunal Kriminali sabiex jigbor tali flejjes f'isem il-Gvern ta' Malta.

Tordna wkoll l-konfiska u d-distruzzjoni tal-oggetti ezebiti bhala Dok RA8, b'dan li l-sipejjez tad-distruzzjoni jkunu a kargu tal-hajta.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ghat-talba ghal hlas ta' spejjez ta' esperti billi ma kienx hemm involuti hlas.

Il-Qorti wissiet lill-hatja bil-konsegwenzi jekk tikkometti reat iehor waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza.

Il-Qorti tordna li din is-sentenza u l-atti kollha jigu notifikati lill-Avukat Generali skont il-ligi.

Dr Josette Demicoli LL.D

Magistrat